31996D0332

25.5.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 127/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 96/332/KE

tat-3 ta' Mejju 1996

li temenda d-Deċiżjoni 93/231/KEE, li tawtorizza, rigward is-suq ta' patata taż-żerriegħa fit-territorju kollu jew parti minnu f'ċerti Stati Membri, miżuri aktar rigoruż kontra ċertu mard msemmi fl-Annessi I u II mad-Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE tal-14 ta' Ġunju 1996 dwar is-suq ta' patata taż-żerriegħa [1], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/231/KEE [3], kif emendata bid-Deċiżjoni 95/21/KEE [4], awtorizzat ċerti Stati Membri, fejn jidhlu reġjuni elenkati, li jirrestrinġu s-suq ta' patata taż-żerriegħa għal patata taż-żerriegħa bażika ta' ċerti gradi tal-Komunità;

Billi fil-Ġermanja ir-reġjun ta' *Bundesland Mecklenburg-Vorpommern* kien reġjun elenkat;

Billi, bħala riżultat tal-unifikazzjoni tal-Ġermanja, bidliet fl-istrutturi amministrativi ta' ċerti reġjuni fil-Ġermanja jeħtiegu li r-riferenza li ghandha x'taqsam mall-Ġermanja fid-Deċiżjoni imsemmija tkun emendata;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id- Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Tixrid ta' Materjal għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness mad-Deċiżjoni 93/231/KEE huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2320/66.
[2] ĠU L 6, tad-9.1.1996, p. 19.
[3] ĠU L 106, tat-30.4.1993, p. 11.
[4] ĠU L 28, tas-7.2.1995, p. 13.

L-ANNESS

Fir-riferenza li għandha x'taqsam mall-Ġermanja fl-Anness mad-Deċiżjoni 93/231/KEE, kolonna 2 hija mibdula b'dan li ġej:

"Bundesland Mecklenburg-Vorpommern

— Gemeinde Groß Lüsewitz

— Ortsteile Lindenhof und Pentz der Gemeinde Metschow

— Gemeinden Böhlendorf, Breesen, Langsdorf sowie Ortsteil Grammow der Gemeinde Grammow

— Gemeinden Hohenbrünzow, Hohenmocker, Ortsteil Ganschendorf der Gemeinde Sarow sowie Ortsteil Leistenow der Gemeinde Utzedel

— Gemeinden Ranzin, Lüssow und Gribow

— Gemeinde Pelsin."